QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR ILGIMGHA 8 TA' MARZU 2002

Avviz Nru:- 1267/00DM

GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance Plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Spiteri

vs

Carmelo Debono

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu lil-Qorti li:

1 Tiddikjara lil-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferrti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident li gara fid-19 ta' Lulju 1999 gewwa Valletta meta imhabba negligenza u imprudenza da parti tal-konvenut, il-vettura nru. HAN 395 proprjeta tal-assikurat tal-atturi giet milquta minn ziemel, proprjieta tal-konvenut u li kien dak il-hin taht il-kustodja tieghu, u b'hekk giet ikkagunata hsara f'din il-vettura;

2 Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-amont ta’ hames mija u ghaxar Lira Maltin u sitta u tlettin centezmi (LM510.36) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3 Tikkundanna lill-konenut jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-konsult (Lm15.00) ta’ ittra Ufficjali tal-15 ta’ Gunju u ta’ Mandat ta’ Sekwestru ippresentata kontestwalment ma l-avviz kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Debono fejn eccepixxa illi:-

1 Kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti;

2 L-eccipjenti digia hallas lill-assikurat tas-socjeta attrici Joseph Spiteri u ghalhekk il-mertu ta’ dina l-vertenza kien ezawrit ferm qabel l-inizjazzjoni ta’ dawna l-proceduri;

3 Ghalhekk ukoll is-socjeta attrici qatt ma setghet tigi surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, bil-konsegwenza li ma ghandha l-ebda locus standi f’dawna l-proceduri.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Lulju 2001 fejn il-konvenut jiccara l-eccezzjonijiet tieghu billi jiddikjara li mhux qed jikkontesta r-responsabbilta tieghu ghal incident in kwistjoni.

Rat in-nota tas-socjeta attrici pprezentata fit-28 ta’ Novembru 2001

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta’ Frar 2002

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kwistjoni kollha involuta f'din il-kawza ma tirrigwardax ir-responsabbilta' tal-incident billi dan gie ammess mill-istess konvenut, izda tirrigwarda jekk il-konvenut hux tenut illi jhallas dik is-somma li giet imhalsa mill-kumpanija assikuratrici biex issewwiet il-hsara fil-karrozza ta' Joseph Spiteri.

Dana minhabba illi qabel ma Joseph Spiteri ghamel il-'claim' abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni li kellhu mal-kumpanija attrici huwa kien ghamel ftehim mal-konvenut li permezz tieghu irceva Lm300 (tlett mitt lira Maltin) bhala kumpens ghal zieda tal-hlas ta' Insurance fuq il-karrozza danneggjata. Iz-zewg partijiet jaqblu illi sar effettivament dan il-hlas u gew esibiti kopji fotostatici ta' l-istess ftehim.

Filwaqt illi l-atturi issostnu illi s-somma li giet mhallsa a bazi ta' dak il-ftehim ma tirrigwardax id-dritt taghhom illi huma jithallsu ghal dawk id-danni illi huma sofrew biex jirreparaw il-vettura il-konvenut issostni illi il-skrittura tammonta ghal hlas ghas-saldu ta' kull pretenzjonijiet tal-attur Joseph Spiteri u ghalhekk ma kienx ghad baqalhu drittijiet kontra l-konvenut li fihom setgha jissurroga lill-atturi.

Ghalhekk l-ezami rikjest mill-Qorti jirrigwarda effettivament x'jimplikaw il-kliem fl-ircevuta dokument X fejn gie ddikjarat illi s-somma ta' Lm600 (sitt mitt lira Maltin) giet mhalsa bhala kumpens "ghal zieda fil-hlas tal-assikurazzjoni fuq il-karrozza numru HAN 395."

Evidentement billi l-konvenut sa mill-bidu nett ammetta r-responsabbilta ghall-incident u ghad-danni kollha konsegwenzjali kif anke jirrizulta mill – istess skrittura, Joseph Spiteri kellhu kull dritt a bazi tal-polza tieghu illi jhalli f'idejn il-kumpanija assikuratrici tieghu biex jirreparaw u jghamlu tajjeb ghall-hsarat minghajr ebda konsegwenza illi hu kien ser jitlef xi 'non claim bonus' jew li kien ser jkollu xi zieda fil-premium tal-assikurazzjoni illi tirrigwarda l-vettura tieghu.

Ghaldaqstant meta l-istess Joseph Spiteri kien accetta illi jircevi kumpens ghal zieda fil-premiun tal-insurance ipprospettat minnhu, dan kien bil-fors dovut jew ghaliex kien qieghed jipprospetta li huwa setgha kien responsabbli ghall-incident jew ghaliex ghamel xi pjan, bl-adezjoni tal-konvenut, sabiex jghamel dikjarazzjoni mhux veritiera mal-kumpanija assikuratrici u jithallas minghand l-assikuratturi tieghu d-danni minnhu soferti; u billi l-konvenut kellu jigi ezentat milli jhallas lill-assikuraturi ta' Joseph Spiteri kellhu jghamel tajjeb ghaz-zieda fil-premium tal-assikurazzjoni li kien ser jsofri Joseph Spiteri.

Izda billi fl-istess skrittura gie ddikjarat illi r-responsabbilta ghall-incident kienet ta' Carmelo Debono bilfors illi l-bazi tal-iskrittura u tal-hlas ta' Lm300 (tlett mitt lira Maltin) kienet l-intenzjoni ta' Joseph Spiteri illi jigbor minghand l-assikurazzjoni tieghu l-kumpens ghad-danni li sofra minghajr ma jissorroga lill-istess assikuraturi fid-drittijiet tieghu kontra l-konvenut.

Ghalhekk l-iskrittura dokument X tista tigi interpretata biss bhala ftehim bejn il-partijiet involuti fl-incident u permezz ta' liema l-konvenut kien hallas is-somma ta' Lm300 (tlett mitt lira Maltin) ghas-saldu tad-drittijiet kollha ta' Joseph Spiteri fil-konfront tieghu.

Evidentement Joseph Spiteri haseb illi huwa setgha jirkupra xi somma ohra minghand l-assikuraturi tieghu, izda kull arrangament illi setgha kellhu mal-assikuraturi ma seta jimplika qatt lill-konvenut. Fil-konfront tal-konvenut kull arrangament ulterjuri ghandu jitqies bhala 'res inter alios acta'.

Kwalunkwe interpretazzjoni ohra ma tghamilx sens billi altrimenti l-konvenut kien ser jigi tenut illi jhallas ghad-danni kollha li kkawza fil-vettura ta' Joseph Spiteri u in oltre kien ser jkun ukoll gie kostrett ihallas somma ohra ta' Lm300 (tlett mitt lira Maltin) li qatt ma kienet ser tkun dovuta mid-danneggjat.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tiddikjara illi bejn l-assikurat tal-atturi Joseph Spiteri, u Carmelo Debono kienet digia sehhet transazzjoni u sar hlas ghas-saldu tad-

drittijiet kollha li kellhu Joseph Spiteri fil-konfront tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talbiet attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

.................................
Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

A. Farrrugia
Dep/Reg Civ33